MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 30/2007/1

**Francis Said**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell – proprjament hemm zewg appelli – jirrigwarda allegazzjoni li bit-tul tal-proceduri kriminali istitwiti kontra ir-rikorrent Francis Said gie lez id-dritt

fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, kif ukoll allegazzjoni li dawn proceduri kriminali assogettawh ghal trattament inuman u degradanti.

**2.** Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti bazici li taw lok ghal din il-vertenza, u li in succint huma s-segwenti:

1. Ir-rikorrent kien ilu ghal numru ta' snin impjegat tal-kumpanija Medserv Ltd., u fl-1997 kien jokkupa l-kariga ta' *Managing Director*. Dak iz-zmien il-kumpanija kienet wahda parastatali.

2. Fil-5 ta' Dicembru 1997, ir-rikorrent tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fejn gie imputat b'ghaxar (10) reati dwar abbuz ta' awtorita` pubblika u frodi, inkluz li bhala ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, b'theddid jew b'abbuz ta' awtorita`, meta kellu jedd jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-gvern jew ta' stabiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed milli tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, u dan bi ksur ta' l-artikoli 112, 113, 114 u 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta (estorsjoni).

3. Fl-istess seduta tal-5 ta' Dicembru 1997, ir-rikorrent wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u nghata l-beneficju tal-helsien mill-arrest permezz ta' digriet moghti fl-istess gurnata, taht il-kundizzjonijiet fih elenkati;

4. Fis-seduta segwenti mizmuma fis-16 ta' Dicembru 1997, il-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha, u kemm f'dik l-udjenza kif ukoll f'ta' warajha (19 ta' Dicembru 1997) instemghu diversi xhieda, u l-kumpilazzjoni inghalqet fid-19 ta' Dicembru 1997. B'digriet tad-19 ta' Dicembru 1997, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, iddecidiet li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

Ghalhekk ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali, fiz- zmien moghti mill-ligi[1].

5. Permezz ta’ nota ta’ rinviju tal-20 ta’ Jannar 1998, l-Avukat Generali talab li jinstemghu disa’ (9) xhieda ohra, kif ukoll kull prova ohra li ggib il-pulizija[2]. Din in-nota ta’ rinviju, maghmula skond l-Artikolu 405 tal-Kap. 9, kienet segwita bi tmintax-il nota simili ohra. L-ahhar udjenza, fis-sensiela biex isir dak li kien qed jitlob l-Avukat Generali bin-noti ta’ rinviju tieghu, inzammet fit-28 ta’ Gunju 2000.

6. Fil-25 ta’ Lulju 2000, l-Avukat Generali rrinvija l-kaz ghall-gudizzju quddiem il-Qorti Inferjuri bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Wara li l-Avukat Generali elenka l-artikoli tal-Kodici Kriminali li tahthom Francis Said seta’ jinstab hati, huwa baghat lill-imsemmi imputat sabiex, fin-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu (cioe` tal-istess imputat) jigi ggudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, b’dan pero li dik il-Qorti, qabel ma tistaqsi lill-imputat kellux tali oggezzjoni, kellha “tisma’ kull prova ohra li iggib il-pulizija”, u dan skond dak li jipprovdi l-Artikolu 370(3)(f) tal-Kap. 9 [3].

7. Il-prosekuzzjoni, immexxija mill-Pulizija Ezekuttiva, hadet sas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2001, sabiex tiddikjara li ma kellhiex aktar provi x’jinstemghu, b’mod ghalhekk li mid-data tal-prezentata fil-5 ta’ Dicembru 1997, sa din id-data (22/1/01) ghaddew ftit aktar minn tlett snin. Fl-istess udjenza, cioe` dik tat-22 ta’ Jannar 2001, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li kaz tieghu jigi trattat sommarjament, cioe` mill-Qorti Inferjuri, kif kien indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-25 ta’ Lulju 2000, aktar ‘l fuq imsemmija[4].

8. Id-difiza bdiet tressaq il-provi taghha fis-seduta ta’ wara, cioe` tat-13 ta’ Frar 2001.

---

[1] Ara fol. 119 tal-process kriminali **Il-Pulizija v. Francis Said**.
[2] Ara fol. 120 tal-process kriminali.
[3] Ara fol. 267-268 tal-process kriminali.
[4] Ara fol. 289 tal-process kriminali.

9. Fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2002, wara li spicca jiddeponi l-akkuzat in kontro-ezami, gie verbalizzat li l-partijiet jaqblu li l-kawza tigi differita ghat-trattazzjoni [5].

10. Wara zewg differimenti li fihom ma sar xejn (il-verbal tal-11 ta' Lulju 2002 ma jghid xejn, mentri dak tat-13 ta' Settembru 2002 jghid li d-difensur tal-akkuzat, Dott. M. Mallia, kien imsiefer, u allura l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni ghall-15 ta' Ottubru 2002), gara li l-Magistrat Dottor Noel Cuschieri, li kien qed jisma' l-kawza, inghata l-kariga ta' Imhallef, u l-kawza giet assenjata lill-Magistrat Dottor Carol Peralta.

11. Il-Qorti tal-Magistrati – issa presjeduta mill-Magistrat Peralta kif inghad – appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-10 ta' Dicembru 2002. Fid-digriet[6] taghha l-Qorti qalet li kienet qed "tistenna pratticita` [mill-partijiet] sabiex kemm jista' jkun din il-kawza tintemm f'din is-seduta". Fl-udjenza tal-10 ta' Dicembru 2002 deher l-akkuzat mhux assistit u l-ufficjal prosekutur "li flimkien infurmaw lill-Qorti li l-kawza ghandha tigi differita ghat-trattazzjoni finali, salv provi ohra tad-difiza jekk ikun il-kaz." Il-verbal ikompli hekk: "Billi l-avukat difensur Dr E. Mallia mhux prezenti, il-qorti tipprefiggi[7] illi tisma' minnu stess x'direzzjoni ser jiehu. Ghaldaqstant waqt li l-Qorti tordna komunika ta' Dr E. Mallia tipprefiggi terminu ta' 15-il gurnata sabiex permezz ta' nota bil-visto tal-prosekuzzjoni Dr Mallia jinforma lill-Qorti ezattament x'bi hsiebu jaghmel qabel ma din il-Qorti tiddifferixxi ghat-3 ta' Frar 2003 ghat-trattazzjoni finali. Kawza differita ghat-3 ta' Frar 2003, fil-11.00 am." Fit-3 ta' Frar 2003, l-akkuzat deher b'avukat gdid, Dott. Pierre Lofaro. Minkejja li gja fil-11 ta' Gunju 2002, *vide supra*, il-partijiet kienu ddikjaraw li l-kawza tista' tigi differita ghat-trattazzjoni, fl-imsemmija udjenza tat-3 ta' Frar 2003 xehdet in difeza Enoe Said, mart l-akkuzat (u dan presumibbilment b'applikazzjoni tal-Artikolu 635(1)(c) tal-Kap. 9). Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Marzu 2003.

---

[5] Ara fol. 380 tal-process kriminali.
[6] Ara fol. 397 tal-process kriminali.
[7] X'aktarx li l-kelma kellha tkun "tippreferi".

12. Fis-seduta tat-12 ta’ Marzu 2003, il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Gunju 2003 sabiex il-partijiet jaghmlu noti ta’ trattazzjoni u ghas-sentenza[8].

13. Fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2003, minflok is-sottomissjoni tan-noti, il-prosekuzzjoni talbet li x-xhieda jergghu jinstemghu mill-gdid, stante li l-Magistrat Dottor Peralta li kien qed jippresjedi, ma kellux l-okkazzjoni li jisma’ lix-xhieda *viva voce* f’dik il-kawza. Id-difiza opponiet, u l-kawza giet differita ghal digriet fuq din il-kwistjoni ghat-22 ta’ Lulju 2003[9].

14. Gara li l-Magistrat Carol Peralta ma baqax jahdem fil-qrati f’Malta fuq bazi regolari, u ghalhekk il-kawza giet assenjata lill-Magistrat Dottor Consuelo Scerri Herrera, li zammet seduta fis-16 ta’ Ottubru 2003. Skond il-verbal tas-16 ta’ Ottubru 2003 jinghad li peress li “l-Qorti giet infurmata illi l-kawzi li kienu ghas-sentenza kellhom jinghataw mill-Magistrat Carol Peralta”, dik il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawza jintbaghtu lura ghandu[10]. Fil-fatt, ghalkemm f’xi zmien il-kawza kienet ghas-sentenza, din ma baqghetx hekk, minhabba li kellu l-ewwel jinghata d-digriet imsemmi fil-paragrafu precedenti.

15. Fiz-zewg seduti ta’ wara li nzammu quddiem il-Magistrat Carol Peralta ma sar xejn: fl-ewwel wahda – 16/2/2004 – l-avukat difensur ta’ Said (din id-darba deher avukat iehor, Dott. Frank Cassar) talab differiment; f’dik tal-24 ta’ Gunju 2004, li fiha dehru l-imputat assistit minn Dr. Pierra Lofaro u l-Ispettur Cordina, il-kawza semplicement giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Settembru 2004. Evidentement fit-3 ta’ Settembru 2004 is-sentenza ma nghatatx ghax b’ri-assenjazzjoni tal-President ta’ Malta tat-13 ta’ Mejju 2005[11] diversi kawzi li kienu baqghu pendenti quddiem il-Magistrat Peralta gew assenjati lill-Magistrat Dott. Abigail Lofaro. Din zammet seduta fl-1 ta’ Gunju 2005. Il-Magistrat Lofaro astjeniet

---

8 Ara fol. 407 tal-process kriminali.
9 Ara fol. 408-409 tal-process kriminali.
10 Ara fol. 411 tal-process kriminali.
11 Ara fol. 416 tal-process kriminali.

milli tisma' din il-kawza, peress li hija l-mara ta' l-avukat difensur (Dott. Pierre Lofaro) ta' l-imputat/rikorrent[12].

16. Il-kawza giet imbaghad assenjata lill-Magistrat Dottor Silvio Meli, li zamm seduta fis-18 ta' Ottubru 2008. F'din is-seduta, il-prosekuzzjoni u d-difiza ddikjaraw li ma kellhom ebda oggezzjoni li l-kawza titkompla u li x-xhieda gja mismugha mill-Qorti diversament presjeduta titqies daqs li kieku nstemghet mill-Qorti kif issa ppresjeduta. Il-partijiet qablu wkoll li t-trattazzjoni ssir bil-miktub. Inghata zmien ghall-prezentata tan-noti u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-28 ta' Marzu 2006. Fit-28 ta' Frar 2006, l-imputat, tramite l-Avukat tieghu Dott. Pietrre Lofaro, pprezenta nota ta' sottomissjonijiet ta' 87 faccata; in-nota tal-prosekuzzjoni giet prezentata fit-13 ta' Marzu 2006.

17. Fit-28 ta' Marzu 2006 il-kawza giet deciza, u l-imputat/rikorrent gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu[13].

**<u>It-talbiet u l-eccezzjonijiet</u>**

**3.** Fir-rikors promotur tieghu tas-16 ta' Mejju 2007 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, ir-rikorrenti talab lil dik il-Qorti:

1. tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Francis Said" deciza fit-28 ta' Marzu 2006 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli u tad-dritt li ma jkunx assoggettat ghal trattament inuman gew degradanti;
2. tiddikjara u tiddecied konsegwentement illi sehhu vjolazzjonijiet ta' l-Artikoli 39 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikoli 6 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem;
3. taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha effettivi u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz izda mhux biss kumpens finanzjarju.

[12] Ara fol. 417 tal-process kriminali.
[13] Ara fol. 433 *et seq.* tal-process kriminali.

**4.** L-Avukat Generali, permezz ta' risposta pprezentata fit-23 ta' Mejju 2007 (fol. 10 tal-attijiet ta' din il-kawza kostituzzjonali) eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghas-segwenti ragunijiet:

**1. Illi kwantu l-allegat ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid isir ezami tar-ragunijiet relattivi sabiex ikun jista' jigi determinat jekk ir-rikorrent sofriex lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba dewmien. Ghaldaqstant l-fatt li ghaddew 8 snin biex kawza giet deciza mhux necessarjament jwassal ghal nuqqas ta' smiegh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali.**

**2. Illi kwantu ghall-allegat ksur ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, il-fatt illi r-rikorrent gie liberat mill-akkuzi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, ma jfissirx necessarjament illi l-proceduri kienu frivoli u vessatorji jew sahansitra illi gie trattat b'mod inuman u degradanti;**

**3. Illi stante illi ma kien hemm ebda ksur ta' xi dritt versu r-rikorrent, t-talba ghal rimedju effettiv ukoll m'ghandhiex tintlaqa'.**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jirrizulta n-necessita` fil-mori tal-kawza.**

**Is-sentenza appellata**

**5.** B'sentenza tas-6 ta' Mejju 2009, il-Prim Awla ddecidiet il-vertenza billi iddikjarat illi:

*"... ... (G)halhekk, ghall-motivi msemmija taht "D2" u "D3" hawn fuq, il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat;*

*"Ghall-motivi msemmija taht "D4" hawn fuq, tichad it-tielet eccezzjoni.*

*"Ghalhekk tiddikjara li l-proceduri fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina vs Francis Said'** deciza fit-28 ta' Marzu 2006 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli u tad-dritt li ma jkunx soggettat ghal trattament inuman jew degradanti.* [14]

*"Ma tilqax it-tieni talba ghad-dikjarazzjoni riferibbli ghall-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni, izda tiddikjara li sehhu vjolazzjonijiet ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem.*

*"Bhala rimedju, thoss li wara li cahdet it-tielet eccezzjoni ta' l-intimat ghandha taghti kumpens pekunjarju lir-rikorrent fl-ammont ta' €12,000.*

*"Spejjez kontra l-intimat."*

**6.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkunsidrat:

"***D1. Fatti tal-kaz:***

"Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-proceduri kriminali kontra tieghu ikkawzawlu lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli u vjolazzjonijiet ta' l-artikoli 39 u 36 tal-Kostituzzjoni u 6 u 3 tal-Kap 319, u talab ghalhekk dawk ir-rimedji effettivi u opportuni. Illi l-fatti jirreferu ghall-fatt li r-rikorrent kien gie arrestat fil-5 ta' Dicembru 1997 u prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht diversi akkuzi u wara 55 seduta (li fi 19 biss minnhom tressqu provi mill-partijiet) taht diversi Magistrati, meta gew prodotti tant xhieda, il-kaz gie deciz fit-28 ta' Marzu 2006 u ghalhekk il-kawza damet 8

[14] Sottolinear tal-Qorti Kostituzzjonali in vista ta' dak li ser jinghad aktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

snin biex tigi deciza biex finalment hu gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih.

"***D2. Gurisprudenza dwar zmien ragonevoli:***

"Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Attard vs L-Avukat Generali** (Rikors Numru 624/97FS)[15] deciza minn din il-Qorti kif presjeduta ntqal:

""Il-Kostituzzjoni ta' Malta [Art 39] kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [Art 6] jiggarantixxu lil kull persuna akkuzata b'reat kriminali smieh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan hu minhabba:

- Id-dewmien ipoggi fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-gustizzja [Ara **H. vs France**, Qorti, 24 ta' Ottubru 1989];
- Hemm bzonn li jigi assigurat lill-akkuzat l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva [Ara ***Stephanos Stavros – The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights*** – pagni 77 et: "*The right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*".
- Id-dewmien ihalli lill-akkuzat ghal zmien twil fi stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innocenza jew ir-reita' tieghu u naturalment id-destin tieghu;
- Proceduri Kriminali fit-tul ghandu effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-akkuzat.

"Biex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragonevoli kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u d-decizjonijiet ta' Strasbourg huma indikattivi u mhux

[15] Deciza mill-Prim Awla fit-8 ta' Gunju 2000. Minnha ma kienx sar appell lill-Qorti Kostituzzjonali – nota tal-Qorti Kostituzzjonali

konkluzivi. ***F'Harris, Boyle & Warbrich, Law of the European Convention on Human rights***, 1995, p 228 insibu: "*Although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the court has in fact always found a breach of Art. 6 (1). Iz-zmien jibda jiddekorri minn meta l-akkuzat ikun rinfaccjat b'cirkostanzi tali li "substantially affect the situation of the suspect*". Normalment dan jirriferixxi ghall-mument meta persuna tkun infurmata dwar ir-reat li fuqu qedgha tigi investigata jew minn meta tigi arrestata. Mhix rilevanti d-data ta' meta sar r-reat, jew meta ssir l-inkjesta magisterjali. Il-gurisprudenza stabbilit tlitt kriterji principali indikattivi tar-ragonevolezza ta' dan it-tul taz-zmien:

- Il-komplessita` tal-kaz;
- Il-mod kif il-proceduri kriminali gew kondotti mill-Qorti; hawn wiehed irid iqis il-kwantita' enormi ta' xoghol li jinsabu mghaffsa bih il-Qrati taghna, u l-fatt li ghandha tinghata precedenza lil min qieghed taht arrest preventiv; izda il-piz enormi tax-xoghol fuq il-Qorti, u l-fatt li l-Qorti ppruvat taghmel dak li hu umanament possibli ma jwassalx ghal gustifikazzjoni ta' dewmien irragonevoli li kull akkuzat ma ghandux ibaghti;
- Il-kondotta tal-applikant – hawn irid jinghad li ghalkemm b'rizultat ta' eccezzjonijiet u mossi tattici akkuzat jista' facilment itawwal il-kors tal-proceduri dawn ma ghandhomx jaffetwaw ir-ragonevolezza tad-dewmien sakemm ma jkunux kapriccuzi jew frivoli, u naturalment fl-istess kriterju ta' dewmien ragjonevoli in-natura ta' dawn l-eccezzjonijiet iridu jittiehdu in konsiderazzjoni…

- Din il-Qorti tifhem li nuqqas ta' gudikanti sufficjenti jwassal ghal fatt li gurijiet ma jigux appuntati malajr u dan minhabba l-"*workload*" esagerata esistenti; pero` hemm bzonn li l-pusizzjoni tigi rimedjata biex kemm jista' jkun persuna akkuzata ma ddumx tant zmien biex issir gustizzja maghha; dan il-fatt johrog aktar w aktar car fil-kaz tal-att tal-akkuza 1/86 li qatt ma gie appuntat mill-1986 meta hareg l-istess Att sad-data tal-pprezentar tar-rikors odjern – haga li din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuqha;

- Li certament hafna minn dan it-tort hu attribwibbli ghall-Istat ta' Malta;
- Li t-trapass twil taz-zmien jnaqqas l-effikacja tal-gustizzja – "*justice delayed is justice denied*";
- Li kien hemm ukoll diversi nuqqasijiet tan-naha tar-rikorrent li kompla tawwal z-zmien…"

"Ara f'dan ir-rigward ukoll il-kawza **Brian Bartolo vs AG**, Qorti Kostituzzjonali, 22/11/2000; **Paul Camilleri vs Kummissarju tal-Pulizija**, Prim Awla (sede Kostituzzjonali), Imhallef G. Valenzia, 08/03/95; **John Saliba vs AG et**, Qorti Kostituzzjonali, 06/07/98.

"***D3. Kienx hemm zmien ragonevoli fil-kaz de quo:***

"Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni ta' l-Avukat Generali li hu necessarju li jigu ezaminati r-ragunijiet relattivi biex wiehed jara tirruzltax lezjoni tad-drittijiet ghal smigh xieraq minhabba dewmien jinghad li minn diversi sentenzi lokali u internazzjonali irrizulta li biex jigi determinat dan l-aspett wiehed irid jara:
1)Natura jew komplessita` tal-kaz in kwistjoni;
2)Kondotta tal-partijiet fil-kawza;
3)Mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` Gudizzjarja stess.

"It-tul ta' snin biss mhux necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni ta' lezjoni ta' dritt. Huwa veru wkoll li l-fatt li persuna tigi liberata ma jfissirx li l-proceduri kienu frivoli jew vessatorji. Ma hemmx termini rigidi u pre-determinati ghas-sinifikat tal-kliem "zmien ragonevoli". Ara f'dan is-sens **Emanuela Brincat vs Avukat Generali**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Frar 1996. Huwa diskrezzjonali fil-gudikant li wara li jezamina l-fatti tal-kaz jara u jevalwa jekk iz-zmien dekors kienx accettabbli f'socjeta` demokratika. Naturalment iz-zmien jibda ghaddej mill-gurnata ta' l-arrest jew prezentata fil-Qorti u jispicca mat-terminazzjoni tal-proceduri (ara **Buchholz vs Germany** {App 7759/77, deciza fis-6 ta' Mejju 1981}).

"Din il-Qorti certament thoss li fl-interess ta' l-akkuzat u tas-socjeta`, jekk jista' jkun, ikun l-istess gudikant li jibda

jisma' u jispicca jisma' proceduri. Tifhem il-Qorti li hafna drabi ghalkemm dan huwa desiderabbli, mhux dejjem possibbli, izda ghandu jsir sforz mill-awtoritajiet biex din ir-regola ma tinkisirx la fil-kamp civili u specjalment fil-kamp kriminali. Fil-kaz in ezami kien hemm 5 Magistrati li kellhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan necessarjament wassal ghal telf ta' zmien. Kien hemm l-assurdita` li zmien minnhom kawza giet assenjata lil Magistrat li kienet mart l-avukat difensur, u b'hekk kompla inhela aktar zmien. Huwa necessarju li l-Istat jipprovdi gudikanti sufficjenti biex ilahhqu max-xoghol estensiv u tqil li ghandhom; huwa necessarju li l-i*staff* ikun kompetenti u moghti l-facilitajiet biex jahdem; huwa necessarju li jkun hemm il-post adegwat biex il-kawzi jsiru fi zmien ragjonevoli, inkluz l-ghodda kollha necessarja biex process isir b'mod rapidu u tajjeb. Hu obbligu ta' min ghandu f'idejh it-thaddim tas-sistena ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja li jaghmel dan b'mod efficjenti u li ma jhallix zmien ingustifikat jghaddi fil-processar tal-kawzi (ara **Peter Manduca vs Prim Ministru**, Qorti Kostituzzjonali, 23 ta' Jannar 1995).

"Il-Qorti thoss ghalhekk li t-trapass ta' 8 snin fil-kaz *de quo* kien wiehed ingustifikat u irragonevoli, specjalment in vista tal-fatt li ma kien hemm xejn daqshekk kumpless fil-mertu tal-kawza. Huwa veru li proceduri kriminali dejjem jinvolvu certu delikatezza izda certament il-Qorti thoss li din il-kawza setghet tigi konkluza f'nofs iz-zmien li damet, u ghalhekk il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat.

"***D4. Allegat ksur ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni:***

"Ir-rikorrent ihoss li hu kellu trattament inuman u degradanti ghax iqis li mill-assjem tal-kaz kollu, inkluz it-tmexxija tal-proceduri mill-prosekuzzjoni u l-ghajdut li kien hemm fuqu, hu sofra danni morali, ansjeta`, frustrazzjoni u incertezza.

"Huwa veru li kull persuna li tigi ezaminata taht kull aspett thoss dan l-element fuqha. Hadd ma jiehu gost jigi interrogat, arrestat, u bi proceduri kriminali ghaddejjin fil-konfront tieghu.

“Jigi osservat li l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni huma identici, hlief li l-Kostituzzjoni ma tuzax il-kelma “tortura”. Fil-kaz tal-**Greek Case**, il-Kummissjoni Ewropeja kienet qalet hekk:

*““The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable. The word ‘torture’ is often used to describe inhuman treatment, which has a purpose, such as the obtaining of information or confession, or the infliction of punishment, and is generally an aggravated form of inhuman treatment. Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before or drives him to act against his will or conscience”.*

“Issa fil-kaz in ezami l-Qorti ma ssibx li kien hemm *severe mental or physical suffering*, u anqas hemm *gross humiliation*, anqas atti li jgieghlu lill-imputat imur kontra l-volonta` tieghu jew il-kuxjenza. Kif intqal fil-kaz ta’ **“Tyrer”** (25/04/1978), il-Qorti Ewropeja qalet:

*““The suffering occasioned must attain a particular level before a punishment can be classified as inhuman within the meaning of article 3”.*

“U fil-ktieb taghhom **“Theory and Practice of the European Convention on Human Rights”,** P. van Dijk u G.J.H. van Hoof ikkumentaw hekk:

*““However, not every measure taken by a public authority that has emotional consequences of any kind for the individual falls within the scope of inhuman treatment but only such measures as ‘inflict severe mental or physical suffering on individual”.*

“Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-aspetti ma jirrizultawx fil-kaz in ezami. Ara wkoll **“Ian Xuereb vs L-Onor. Prim Ministru et”** (Rik. Nru:39/07 – 14/12/2007), **Ireland v. U.K.** (1978) u **Tyrer v. UK**.

"Ghalhekk Il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni ta' l-intimat fir-rigward ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni.

"***D5. Talba ghal rimedju effettiv:***

"L-intimat isostni li r-rikorrent ma sofriex id-danni lamentati minnu. Min-naha tieghu r-rikorrent jinsisti li ghalkemm liberat, xorta inghatatlu fama hazina u li meta sab opportunita` ghal xoghol barra minn Malta, l-Ispettur tal-Pulizija kien oggezzjoni u hu tilef din l-opportunita`. L-intimat jargumenta li kollox hu spekulattiv u ipotetiku.

"Il-Qorti thoss li mhux kull kaz ta' akkuza segwit b'liberazzjoni sejjer iwassal ghad-danni. Izda fil-kaz in ezami huwa inkontestat li l-fama tar-rikorrent giet milquta. Hu veru wkoll li hu dam ghaddej minn dawn il-proceduri ghal 8 snin. Ir-rikorrent jirreferi ghall-kaz ta' **John Bugeja vs Avukat Generali et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awissu 2003, Rikors 29/02 fejn jintqal li f'kazi dwar dewmien id-dikjarazzjoni tal-Qorti tkun gja rimedju sodisfacenti ghall-vittma. Din il-Qorti taqbel ma' dik il-Qorti li dan hu applikabbli biss fil-kaz ta' vjolazzjoni ta' natura marginali, izda meta jkun hemm tul eccessiv u irragonevoli tali semplici dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni ma joffrux sodisfazzjoni gust ghall-ansjeta` u incertezza patita mill-vittma. Huwa kif qalet dik il-Qorti, impossibbli li jsir *restitutio in integrum* ghax ma jistax jitregga' lura l-arlogg u kull ma jista' jsir hija li tittaffa l-ferita b'kumpens finanzjarju. Dan huwa applikabbli dejjem kif qalet dik il-Qorti u kondiviz minn din kif presjeduta, aktar u aktar meta l-vittma tkun liberata minn kull imputazzjoni. F'dik is-sentenza nghad li biex tasal ghas-somma jew kumpens gust il-Qorti ghandha tqis is-segwenti kriterji, u cioe`: (a) f'dan il-kaz id-dewmien ingustifikat ma kienx wiehed marginali izda kien wiehed inordinatament twil u eccessiv; (b) il-kawza kienet wahda ta' natura kriminali; (c) id-dewmien fl-ghoti tas-sentenza necessarjament ikkawza stat ta' incertezza, frsutrazzjoni, qtigh ta' qalb u ansjeta`; (d) ir-rikorrenti ma intraprenda l-ebda inizjattiva biex

jissollecita speditezza fl-andament tal-kawza tieghu u dan hlief fil-procedura odjerna (ara wkoll **Luqa Farrugia vs Avukat Generali**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali[16] fit-30 ta' Novembru 2006, 16/05RCP)

"Fil-fehma tal-Qorti dan il-kliem huwa certament applikabbli ghall-kaz *de quo*, specjalment l-ewwel tliet kriterji. Fil-kaz in ezami irrizulta b'mod car li r-rikorrent kien ipprova jissollecita l-proceduri."

## L-appelli

**7.** Kemm l-Avukat Generali kif ukoll ir-rikorrent Francis Said appellaw minn din is-sentenza. L-aggravji ta' l-Avukat Generali jistghu jigu sintesizzati hekk:

1. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti konnessi mal-proceduri penali, u ma kienx imissha sabet lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Skond l-Avukat Generali appellant, iz-zmien li ittiehed biex giet deciza l-kawza in kwistjoni huwa attribwibbli ghall-kumplessita` tal-kaz, il-fatt li kellhom jixhdu hafna xhieda kif ukoll id-diversi surrogi li kellhom isiru biex instab gudikant li seta' jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza skond il-ligi.
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont likwidat bhala kumpens mill-ewwel Qorti, huwa wiehed esagerat u la jirrispekkja l-gurisprudenza nostrali u lanqas dik tal-Qorti Ewropea.

**8.** Ghalkemm fir-rikors ta' l-appell tieghu ir-rikorrenti Said jelenka zewg aggravji, fis-sustanza huwa ghandu aggravju wiehed, u cioe` li huwa jhossu aggravat in kwantu l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tieghu li jigi dikjarat li l-proceduri kriminali mehuda kontra tieghu ivvjolaw id-dritt tieghu li ma jkunx soggettat ghal trattament inuman jew degradanti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

[16] Fil-fatt din is-sentenza nghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u mhux mill-Qorti Kostituzzjonali – nota tal-Qorti Kostituzzjonali.

**9.** Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra dawn l-aggravji, huwa importanti li tigi rilevata l-kontradizzjoni li tezisti fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata. Ghalkemm jirrizulta minn qari tal-korp tas-sentenza li l-ewwel Qorti kienet qieghda tiddeciedi li kienet sabet lezjoni biss ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mhux ukoll ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, f'parti mid-*decide* l-ewwel Qorti ddikjarat li kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrent li ma jkun soggettat ghal trattament inuman jew degradanti. Izda imbaghad immedjatament fil-paragrafu sussegwenti regghet iddikjarat li ma kienx hemm lezjoni ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-kontradizzjoni giet rilevata miz-zewg partijiet fir-rikorsi ta' l-appell rispettivi taghhom. Hu evidenti, minn qari tal-motivazzjonijiet tas-sentenza u mill-kumpless tad-*decide*, li l-intenzjoni ta' l-ewwel Qorti kienet li tichad it-talba tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni li gie lez id-dritt tieghu li ma jigix soggettat ghal trattament inuman jew degradanti, u li dik il-parti tad-*decide* fejn jinghad illi gie lez id-dritt tar-rikorrent li ma jkunx soggettat ghal tali trattament hija *lapsus* u zball tal-pinna. Fil-fatt hekk gie ikkunsidrat mill-partijiet, fejn fir-rikors ta' l-appell tieghu l-Avukat Generali talab li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi ikkonfermata fejn gie deciz li ma kienx hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrent li ma jkunx soggettat ghal trattament inuman jew degradanti, fil-waqt li r-rikorrenti appella minn din l-istess parti tas-sentenza, kif fuq inghad.

**10.** Iccarat dan il-punt, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji taz-zewg partijiet fil-meritu, u sussegwentement, jekk ikun il-kaz, tikkonsidra it-tieni aggravju ta' l-Avukat Generali, cioe` l-aggravju dwar ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti.

**L-ewwel aggravju ta' l-avukat generali**

**11.** L-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali huwa bazikament fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti konnessi mal-proceduri penali, u ma kienx imissha sabet lezjoni tad-dritt tar-

rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Skond l-Avukat Generali appellant, iz-zmien li ittiehed biex giet deciza l-kawza in kwistjoni huwa attribwibbli ghall-kumplessita` tal-kaz, ghall-fatt li kellhom jixhdu hafna xhieda kif ukoll ghad-diversi surrogi li kellhom isiru biex instab gudikant li seta' jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

**12.** Ir-rikorrent gie akkuzat fil-5 ta' Dicembru 1997 u inghata il-liberta` provvizorja dak in-nhar stess. Il-proceduri kriminali ntemmu bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Marzu 2006, fejn ir-rikorrent gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontrih. Ghalhekk, il-proceduri kriminali damu aktar minn 8 snin u tlett xhur. Matul dawn is-snin inzammu 55 seduta li f'20 minnhom biss gew prodotti xhieda.

**13.** Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri ta' dak li hu zmien ragonevoli huma (i) il-komplessita` tal-kaz, (ii) l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita` jew awtoritajiet relevanti, u (iii) dak li kien *at stake* ghar-rikorrent. L-ebda fattur wahdu ma huwa deciziv, u ghalhekk kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-merti tieghu u fil-kwadru tat-totalita` tal-fatti u tac-cirkostanzi. Barra minn hekk id-dritt tal-partijiet li jinghataw decizjoni kemm jista' jkun malajr ghandu jigi mwiezen mal-htiega ta' ezami akkurat tal-fatti u punti ta' ligi involuti, u mat-tmexxija xierqa tal-proceduri.

**14.** Issa, huwa veru li fil-kaz odjern ir-rikorrent/imputat kien akkuzat b'ghaxar reati rigwardanti abbuz ta' awtorita` pubblika u frodi, li kien hemm numru konsiderevoli ta' persuni li gew imharrka mill-prosekuzzjoni biex jixhdu u li d-difiza ipprezentat *archlever file* shih ta' dokumenti. Ghalkemm il-process kriminali huwa voluminuz (b'zewg volumi, b'aktar minn 400 faccata, minghajr ma wiehed jikkonsidra hafna dokumenti li ma humiex individwalment enumerati u d-dokumenti fl-*archlever file*), pero` ma jistax jinghad li l-mertu kien partikolarment kompless, u kien iktar jinvolvi apprezzament *ut sic* tal-provi. La kien hemm

il-htiega li jigu appuntati esperti teknici u lanqas kien hemm il-htiega li jinstemghu xi xhieda li kienu barra minn Malta. Lanqas jista' jinghad li matul il-process kriminali nqalghu xi kumplikazzjonijiet fattwali u/jew legali, li setghu jiggustifikaw dewmien fil-proceduri. Ghalhekk il-mertu tal-kawza ma kienx wiehed kumpless, ghalkemm kien hemm hafna dokumenti li wiehed kellu jezamina.

**15.** Rigward l-agir tal-prosekuzzjoni, mill-process kriminali jirrizulta li wara li r-rikorrent gie akkuzat fil-5 ta' Dicembru 1997, inzammet seduta fis-16 ta' Dicembru 1997 fejn instemghu hdax (11)-il xhud u ohra fid-19 ta' Dicembru 1997 fejn instemghu disa' (9) xhieda. F'din l-ahhar seduta, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat digriet fejn iddikjarat li kien hemm bizzejjed provi biex ir-rikorrenti jitqieghed taht att ta' akkuza, u baghtet l-atti lill-Avukat Generali. Sa dan l-istadju ma jistghax jinghad li kien hemm xi dewmien. Fl-20 ta' Jannar 1998, l-Avukat Generali baghat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati biex jinstemghu disa' (9) xhieda ohra espressament minnu elenkati, kif ukoll kull prova ohra li ggib il-pulizija. Il-prosekuzzjoni hadet sas-seduta tat-22 ta' Jannar 2001 – cioe` ftit aktar minn tliet (3) snin – sabiex tezawrixxi l-provi taghha. F'dan il-perjodu nzammu 25 seduta li 12 minnhom gew utilizzati biex jinstemghu ix-xhieda, 4 minnhom ma sarux ghax il-magistrat sedenti kien indipost jew okkupat b'xoghol iehor, jew ghax ma lahaqx ta xi provvediment, u fit-3 seduti l-ohra ma sar xejn ghal ragunijiet varji. Tista' tghid li kwazi kull seduta inzammet bejn rinviju u iehor ta' l-atti lill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali, u fil-maggor parti ta' dawn is-seduti kien jinstema' xhud wiehed biss kull seduta. F'dawn it-tliet snin u fuqhom instemghu sbatax-il xhud.

**16.** Fil-fehma ta' din il-Qorti il-prosekuzzjoni (fis-sens tat-tmexxija 'l quddiem) tal-kawza tul it-tliet snin li kienu qed isiru rinviji (inkluz ir-rinviju ghall-gudizzju) u sa ma l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, ma kienx wiehed ghaqli u ma sarx b'debita attenzjoni u kura. Ghalkemm ma hemm xejn fl-atti – la dawk tal-process kriminali u lanqas dawk ta' dan il-process kostituzzjonali – li jikkonforta l-allegazzjoni tar-rikorrent li dan id-dewmien

kien wiehed deliberat, pero` m'hemmx dubbju li min-naha tal-Pulizija u l-Avukat Generali l-kawza ma gietx segwita u mmexxija bid-debita attenzjoni u speditezza; u b'naqra impenn u attenzjoni, u b'ko-ordinazzjoni ahjar bejn il-Pulizija Ezekuttiva u l-Ufficcju tal-Avukat Generali, il-kaz kellu jinghalaq mill-prosekuzzjoni f'hames jew sitt seduti wara l-20 ta' Jannar 1997, id-data li fiha l-Avukat Generali baghat l-ewwel rinviju. F'dan il-kaz gara dak li, sfortunatament, jigri f'hafna kumpilazzjonijiet, u cioe` li wara li l-Qorti Istruttorja tiddeciedi li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza u l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali, il-Pulizija u l-ufficjal prosekutur prattikament ma jiehdu ebda inizjattiva aktar biex iheffu l-proceduri u jibqghu passivi minghajr anqas biss l-icken sforz ta' ko-ordinament mal-imsemmi Ufficcju.

**17.** Jigi osservat ukoll illi matul dawn it-tliet snin u ftit, il-Qorti tal-Magistrati ma hadet l-ebda inizzjattiva biex iggieghel lill-prosekuzzjoni thaffef il-produzzjoni tax-xhieda, anki meta kien ovvju li l-prosekuzzjoni kienet qed tipproduci l-provi taghha b'ritmu bil-mod hafna, kwazi bl-istillicidju. Huwa minnu li l-Qrati tal-Magistrati huma strakolmi bix-xoghol, cirkostanza, din, li taghmilha hafna drabi difficli hafna kemm ghall-gudikant kif ukoll ghall-impjegati tal-Qorti li jwettqu *case management* effettiv; izda jibqa' l-obbligu tal-Qorti li qed tisma' l-kaz li tassigura, sa fejn huwa possibbli, li l-partijiet iressqu l-provi taghhom fi zmien ragonevoli - dan iktar u iktar fil-kuntest ta' proceduri kriminali. Fejn dan ma jkunx possibbli minhabba l-volum tax-xoghol – bhalma certament gara f'dan il-kaz – tissubentra b'mod aktar dirett ir-responsabbilta` ta' l-Istat, li ghandu l-obbligu li jipprovdi l-istrutturi legali u r-risorsi l-ohra kollha, inkluzi risorsi umani, biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm dewmien.

**18.** Pero` min-naha l-ohra jrid jinghad ukoll li mill-atti tal-process kriminali, ma jirrizultax li matul dan il-perjodu qatt sar xi rikors jew verbal mir-rikorrent/imputat sabiex joggezzjona ghall-mod kif kienet qed tipprocedi l-prosekuzzjoni, u/jew jitlob lill-Qorti sabiex taghti xi direttivi sabiex il-prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha b'iktar heffa u biex tikkonkludihom. Dan qed jinghad mhux ghax ir-

rikorrent, bhala imputat, kellu xi obbligu legali li jiehu l-inizzjattiva biex il-proceduri kriminali kontrih jimxu il-quddiem[17], imma qed jinghad in vista tal-fatt li f'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti ezebixxa ittri li huwa baghat f'Settembru u Ottubru 2000 fejn talab lill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien jindaga l-agir tal-pulizija fil-prosekuzzjoni tal-kaz tieghu[18], meta huwa anqas biss ittanta jipprevalixxi ruhu minn rimedji ordinarji li kellu a disposizzjoni tieghu biex il-proceduri jithaffu.

**19.** Id-difiza bdiet bil-provi taghha fis-seduta tat-13 ta' Frar 2001 u hadet sas-seduta tat-12 ta' Marzu 2003 biex taghlaq il-provi taghha – cioe` ftit iktar minn sentejn. Matul dawn is-sentejn inzammu 20 seduta, li minnhom 4 biss gew utilizzati ghas-smiegh tax-xhieda. F'dawn is-seduti xehdu r-rikorrent/imputat u l-mara tieghu, u jrid jinghad li f'seduta minnhom ir-rikorrent ma xehedx ghal iktar minn hames minuti. Ghalhekk il-provi tad-difiza setghu facilment saru fi 3 seduti. F'dawn is-sentejn, l-imputat ma deherx ghal zewg (2) seduti, id-difiza talbet hames (5) differimenti, f'zewg (2) seduti ma sar xejn ghaliex l-avukat difensur tar-rikorrent ma deherx, f'zewg (2) seduti ohra ma sarx xejn minghajr ma inghatat raguni fil-verbal, seduta (1) ma saritx bi qbil bejn il-partijiet, seduta (1) ohra ma saritx ghaliex il-magistrat sedenti kien indispost, zewg (2) seduti ma sarux fuq talba tal-prosekuzzjoni, minghajr opposizzjoni min-naha tad-difiza, u fl-ahhar seduta ma sar xejn u l-kawza giet differita sabiex il-partijiet jaghmlu n-noti ghat-trattazzjoni u ghas-sentenza. Minn din il-kronologija xejn edifikanti – bhalma wkoll xejn edifikanti kienet il-kronologija sakemm il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha! – huwa car li matul dawn is-sentejn kien hemm dewmien zejjed, li ghalih jahti fil-parti l-kbira r-rikorrent/imputat (tramite l-avukat/i tieghu ta' dak iz-zmien). Meta wiehed jikkonsidra z-zmien pjuttost qasir li l-Qorti kienet qed thalli bejn seduta u ohra, din il-Qorti tikkalkula li d-difiza kellha tlesti l-provi taghha fi zmien erba' xhur, u ghalhekk is-sena u tminn xhur l-ohra huwa

[17] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Francis Said et v. Avukat Generali** deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-3 ta' Frar 2009.
[18] Ara Dok FS1 u FS2 a fol. 23 u 24 ta' dan il-process.

dewmien ingustifikat attriwibbli lir-rikorrent, u l-Qorti sejra tnaqqas dan iz-zmien ghall-fini li tikkalkula t-tul tal-kawza.

**20.** Kif rajna mill-kronologija fil-bidu ta’ din is-sentenza, fl-udjenza tal-10 ta’ Dicembru 2002 quddiem il-Magistrat Peralta, il-partijiet[19] kienu qablu l-kawza tista’ tigi differita ghat-trattazzjoni. Fit-12 ta’ Marzu 2003 il-kawza thalliet ghall-4 ta’ Gunju 2003 “sabiex il-partijiet jaghmlu noti ta’ trattazzjoni” u wara l-kawza tkun tista’ tmur ghas-sentenza. Minflok ma l-prosekuzzjoni ipprezentat in-nota ta’ sottomissjonijiet taghha qabel jew ghall-inqas fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2003, meta kellha issir it-trattazzjoni, f’dik is-seduta l-prosekuzzjoni talbet illi billi l-Magistrat Dottor Noel Cuschieri, li kien qed jisma’ l-kaz, kien inghata l-kariga ta’ Imhallef, u l-kaz issa kien gie assenjat lill-Magistrat Dottor Carol Peralta, ix-xhieda kollha terga’ tinstema’ mill-gdid, biex il-Magistrat Dottor Peralta ikollu l-opportunita` li jisma’ x-xhieda *viva voce.* Id-difiza opponiet ghal din it-talba, u l-kawza giet differita ghal digriet fuq din il-kwistjoni. Ir-rikorrent, fir-rikors ta’ appell tieghu, jaghti importanza lil din it-talba tal-prosekuzzjoni, ghax skond hu tindika li l-prosekuzzjoni kienet qieghda tipprova deliberatament ittawwal il-proceduri. Huwa vera li, semmai, il-prosekuzzjoni messha ghamlet din it-talba malli l-kawza giet assenjata lill-Magistrat Peralta, u mhux taghmel tali talba wara li kienu diga` nzammu tlett seduti mill-Magistrat Peralta, li fihom sema’ *inter alia* xhud wiehed u iddifferixxa l-kawza ghan-noti u ghas-sentenza. Ghalkemm din it-talba saret in konformita` mal-gurisprudenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali li bazikament tghid li meta` kaz jiddependi fuq jekk temminx xhud jew iehor, il-magistrat li jippronunzja s-sentenza ghandu jkun l-istess magistrat li sema’ l-provi (jew ghall-anqas dawk li provi fejn hemm il-kuntrast) u mhux magistrat li jkun, ghal xi raguni, issubentra floku, tali gurisprudenza kienet ga’ stabbilita fl-1999, u ghalhekk hija pjuttost sorprendenti kif l-Ispettur Cordina ghamel it-talba biss fl-udjenza tal-4 ta’ Gunju 2003. Fi kwalunkwe kaz, ma jirrizultax li wara din is-seduta il-prosekuzzjoni kompliet

[19] L-imputat, pero`, ma kienx assistit ghax l-Avukat tieghu, Dott. Emanuel Mallia, ma deherx.

tinsisti fuq din it-talba, tant li fis-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju 2004 preseduta mill-Magistrat Carol Peralta, il-partijiet qablu li l-kawza tibqa’ differita ghas-sentenza, u fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2005, fil-Qorti tal-Magistrati din id-darba preseduta mill-Magistrat Silvio Meli, il-partijiet qablu li x-xhieda mismugha m’ghandhix terga’ tinstema’. Ghalhekk jista’ jinghad li minhabba dan l-incident ta’ din it-talba intilfet biss seduta wahda – id-dewmien bejn l-4 ta’ Gunju 2003 u l-24 ta’ Gunju 2004 kien dovut ghal ragunijiet amministrattivi, bil-process imur ghand il-Magistrat Scerri Herrera, li baghtitu lura lill-Magistrat Peralta!

**21.** Wara s-seduta ta’ l-4 ta’ Gunju 2003, il-Magistrat Peralta ma baqax jahdem regolarment f’Malta, u ma lahaqx ta s-sentenza. Sfortunatament bejn Ottubru 2003 u Ottubru 2005, l-kawza tar-rikorrent bdiet diga assenjata, ghal diversi ragunijiet, minn Magistrat ghal iehor (ara l-kronologija fil-bidu ta’ din is-sentenza) sakemm fl-ahhar giet assenjata biex tinstema’ minn Magistrat li seta’ jkompli jisma’ l-kaz u jaghti s-sentenza. Fost il-Magistrati li lilhom giet assenjata l-kawza, kien hemm il-Magistrat Dottor Abigail Lofaro li hija mart l-avukat difensur (it-tieni jew it-tielet avukat li kellu l-impuata/rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati) tar-rikorrent, u li ghalhekk kellha tastjeni. Ma hemmx dubbju li matul dan il-perjodu kien hemm differimenti fit-tul sabiex il-kawza tigi appuntata u li l-Istat huwa responsabbli ghal dan id-dewmien ta’ sentejn biex il-kawza tkompli tinstema’ regolarment, stante li dan kien dovut ghall-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-Qrati. Pero` jrid jinghad ukoll li r-rikorrent ma gab l-ebda prova li jissustanzja l-allegazzjoni tieghu li dan id-dewmien sar in *mala fede* jew ghal xi skop ulterjuri min-naha tal-prosekuzzjoni[20].

**22.** Fl-ahhar il-kawza giet appuntata quddiem il-Magistrat Dottor Silvio Meli li zamm seduta fit-18 ta’ Ottubru 2005. F’din is-seduta l-kawza giet differita ghat-28 ta’ Marzu 2006, ghan-noti tal-partijiet u ghas-sentenza, u effettivament is-sentenza nghatat fit-28 ta’ Marzu 2006.

[20] Ara per ezempju l-allegazzjoni tar-rikorrent fid-Dok FS26 a fol. 49 tal-process.

**23.** Fid-dawl tas-suespost, ma hemmx dubbju li fil-proceduri kriminali kien hemm dewmien ingustifikat dovut principalment mill-mod ta' kif tmexxiet il-prosekuzzjoni (mill-Pulizija u mill-Avukat Generali) u min-nuqqasijiet fl-amministrazzjoni tal-Qrati. Mill-banda l-ohra jirrizulta illi r-rikorrent hu responsabbli wkoll *in parte* ghal dan id-dewmien, ghar-ragunijiet fuq spjegati. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-proceduri kriminali setghu facilment bdew u spiccaw fi zmien sena u nofs, u ghalhekk jista' jinghad li kien hemm dewmien ingustifikat ta' madwar sitt (6) snin u disa' (9) xhur, li pero` sena (1) u tminn (8) xhur minnhom jammonta ghal dewmien ingustifikat attriwibbli lir-rikorrent/imputat. Ghalhekk id-dewmien ingustifikat li ghalih l-Istat, rapprezentat mill-appellant Avukat Generali, huwa responsabbli huwa ta' madwar hames (5) snin u xahar (1).

**24.** Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali appellant ghandu jigi michud.

**<u>L-aggravju tar-rikorrent Francis Said</u>**

**25.** Ir-rikorrent ihossu aggravat in kwantu l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tieghu sabiex jigi dikjarat li l-proceduri kriminali mehuda kontra tieghu ivvjolaw id-dritt tieghu li ma jkunx assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti. Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti mir-rikors ta' l-appell tieghu, huwa qed jibbaza dan l-aggravju tieghu fuq is-segwenti allegazzjonijiet:

1. illi l-prosekuzzjoni istitwiet il-proceduri kriminali li tiehdu kontra tieghu b'mod mill-aktar legger minghajr ma kellha f'idejha provi u materjal li kien jiggustifika l-anqas wahda mill-ghaxar akkuzi serji li gabet kontra tieghu; u
2. il-pubblicita` negattiva u l-umiljazzjoni li huwa sofra minhabba l-proceduri kriminali mehuda kontrih, u l-ansjeta` li dawn ikkagunaw lilu u lil martu, tant li effettwatilhom sahhithom, u impedewh milli jottjeni inkarigu iehor ta' l-istess jew ta' portata ahjar minn dak li kien qed jokkupa fiz-zmien tal-proceduri.

**26.** Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm il-darba irriteniet illi fil-kuntest ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ghalkemm l-intenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti hija rilevanti, ma hijiex determinanti sabiex jigi deciz jekk agir partikolari ghandux jitqies inuman u/jew degradanti. Fil-fatt fis-sentenza taghha **Peers v. Greece** tat-19 ta' April 2001, il-Qorti ta' Strasbourg irriteniet illi *"In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3."*

**27.** Min-naha l-ohra gie ritenut illi: *"It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter's subjective appreciations and feelings. ... ... (G)iven the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature – "an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as "degrading treatment" in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity"."*[21]

**28.** Fis-sentenza **Kudla v. Poland**, deciza fis-26 ta' Ottubru 2000, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

*"However, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the nature and context of the treatment, the manner and method of its execution, its duration, its*

[21] **Van Dijk & Van Hoof: Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4th edition 2006) pag. 415.

*physical or mental effects and, in some instances, the sex, age and state of health of the victim ... ...*

*"The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them. On the other hand, the Court has consistently stressed that <u>the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that of legitimate treatment or punishment</u> (see mutatis mutandis, the Tyrer v. the United Kingdom judgement of 25 April 1978 ... ...; the Soering v. the United Kingdom judgement of 7 July 1989 ... ... and V. v. the United Kingdom cited above ... ...)."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

**29.** Kif diga` inghad, ir-rikorrent qieghed jallega li huwa sofra trattament inuman u degradanti, ghaliex, skond hu, il-proceduri kriminali li ittiehdu kontrih kienu frivoli u vessatorji, stante li l-prosekuzzjoni kellha f'idejha provi fjakki hafna. Huwa jallega li l-pulizija mexxiet kontrih ghaliex kellha istruzzjonijiet *"minn fuq"* biex tmexxi kontrih halli jinstab hati ta' xi reat jew iehor[22]. Pero`, minn dak li jirrizulta mill-atti, din l-allegazzjoni ma gietx pruvata, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. L-ewwelnett, f'dawn il-proceduri kriminali, ma ngabet ebda prova indipendenti biex issostni l-allegazzjoni li l-pulizija kellha xi pressjoni indebita *"minn fuq"* biex tmexxi kontra r-rikorrent u tohrog akkuzi tipo "carpet bombing" (din hija l-espressjoni li juza r-rikorrent fl-affidavit tieghu a fol. 15 tal-process civili). Fil-fatt dawn l-allegazzjonijiet gew michuda mill-pulizja koncernati[23].

[22] Ara Affidavit tar-rikorrent a fol. 15 tal-process.
[23] Ara xhieda ta' Joseph Cordina a fol. 64, Raymond Cremona a fol. 67-68, u Daniel Gatt a fol. 69 *et seq.* tal-process.

2. Wara li nghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, iddecidiet, b'digriet tad-19 ta' Dicembru 1997, li kien hemm ragunijiet bizzejjed, biex ir-rikorrent/imputat jitqieghed taht att ta' akkuza[24]. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri, jew dawk kriminali, ir-rikorrenti ma ghamel xi tentattiv biex jattakka l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-magistrat sedenti li ta dak id-digriet. Anqas ma jirrizulta li saret xi sottomissjoni quddiem il-Qorti Inferjuri, qabel ma nghata d-digriet tad-19 ta' Dicembru 1997, li ma kienx hemm kaz *prima facie* ghall finijiet tal-imsemmi digriet.

3. Kieku kien veru li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fil-kawza kriminali kienu ibbazati *"kompletament fuq ghidut u qlajjiet"*, kif jallega fl-affidavit tieghu[25], u li ma setghu qatt iwasslu ghal sejbien ta' htija[26], allura r-rikorrent messu talab lill-Qorti tal-Magistrati tghaddi ghas-sentenza malli l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u b'hekk kien iqassar il-proceduri konsiderevolment. Pero`, ir-rikorrent/imputat dan ma ghamlux, u hass in-necessita` li jixhed pjuttost fit-tul u ezebixxa *archlever file* shih mimli dokumenti biex jirribatti l-provi prodotti mill-pulizija. Kif diga` gie rilevat, ir-rikorrent/imputat ha sentejn biex ghalaq il-provi tieghu fil-process kriminali.

4. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, ir-rikorrent jaghmel hafna enfasi fuq il-fatt li, skond hu, fis-sentenza tat-28 ta' Marzu 2006, li biha gie liberat mill-akkuzi kontrih, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) qalet li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fil-kaz tar-rikorrent kienu *"mera suspett, allegazzjoni jew illazzjoni."* Huwa opportun li jigi riprodott il- paragrafu shih minfejn ittiehdet din il-kwotazzjoni. Fil-fatt il-Qorti tal-Magistrati qalet hekk: *"Illi a bazi ta' l-analizi fattwali tal-provi prodotti, ghalkemm jirrizultaw diversi nuqqasijiet ta' natura etika kummercjali minn operaturi ta' intraprizi pubblici pero` l-provi prodotti jonqsu milli jilhqu l-livell mitlub mil-ligi biex jissostanzjaw akkuzi ta' natura kriminali – fejn il-grad ta' prova huwa ferm aktar rigoruz u ma jigix sodisfatt b'mera suspett, allegazzjoni jew*

[24] Ara fol. 119 tal-process kriminali.
[25] Ara affidavit tar-rikorrent a fol. 15 tal-process.
[26] Ara rikors ta' l-appell tar-rikorrent a fol. 156 tal-process

*illazzjoni."* Huwa car li l-Qorti tal-Magistrati wzat il-frazi *"mera suspett, allegazzjoni jew illazzjoni"* biex tiddistingwi din il-forma fqira ta' prova mill-grad oneruz ta' prova rikjest f'akkuzi kriminali – cioe` prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti tal-Magistrati qalet biss li, minkejja n-nuqqasijiet li irrizultaw, il-prosekuzzjoni ma irnexxielix tilhaq dan il-grad ta' prova rikjest mil-ligi f'kawzi kriminali, u ma qalitx li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien mibni kollu fuq *"mera suspett, allegazzjoni jew illazzjoni".* Kif diga` nghad, kieku ir-rikorrent verament kien jemmen dak li qed jallega, ma kienx necessarju ghalih li jressaq provi – iktar u iktar provi voluminuzi – in difiza tieghu.

**30.** Inoltre, ghandu jigi rilevat, illi anki kieku stess, u ghall-grazzja ta' l-argument biss – ghax kif diga` inghad, dan ma giex pruvat – irrizulta li l-Pulizija istitwiet proceduri kriminali kontra r-rikorrenti, meta kienet taf li ma kellhix il-provi sufficjenti sabiex ikun hemm sejbien ta' htija, gie ritenut li tali agir *da parte* tal-Pulizija ma jammontax *per se* jew neccessarjament ghal trattament inuman u degradanti. Kaz b'fatti simili ghal dak li qed jallega – pero` li ma ppruvax – ir-rikorrent odjern huwa **Gusinskiy v. Russia**, fejn l-applikant f'dak il-kaz allega li l-pulizija Russa kienu istitwew ingustament proceduri kriminali kontrih, u li l-investigazzjoni u d-detenzjoni tieghu kienu arbitrarji, abbuzivi u kienu motivati minn ragunijiet politici, u li ghalhekk gie lez id-dritt tieghu li ma jigix soggettat ghal trattament inuman u degradanti taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fid-decizjoni parzjali taghha tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni, il-Qorti Ewropea iddikjarat din il-parti ta' l-applikazzjoni inammissibbli, ghaliex irriteniet hekk:

*"The Court does not doubt that the criminal proceedings instigated by the GPO and especially the applicant's imprisonment on 13 June 2000 have aroused in him strong feelings, particularly since the applicant suspected that the proceedings were motivated by considerations other than ordinary maintenance of order and justice. This is an understandable, and not uncommon, reaction from a person who is subjected to a criminal investigation and deprived of liberty. In these situations it is not unlikely that*

*feelings of humiliation, fear, anguish or inferiority might occur. However, such reactions cannot in themselves be considered as a violation of Article 3.*

*“In the light of the material before it the Court does not find that the applicant’s situation discloses any appearance of actions attaining the level inherent in the notion of “inhuman or degrading treatment” as laid down in Article 3.”*

**31.** Konsegwentement, l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa sofra trattament inuman u degradanti, ghaliex skond hu l-Pulizija mexxiet kontrih meta ma kellhiex provi sufficjenti, hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

**32.** L-allegazzjoni l-ohra li fuqha ir-rikorrent qieghed iserrah dan l-aggravju tieghu, hija fil-verita` konsegwenza naturali tal-proceduri kriminali li ittiehdu kontrih. Fil-fatt, it-tieni allegazzjoni tar-rikorrent hija fis-sens li huwa sofra trattament inuman u degradanti billi konsegwenza tal-proceduri kriminali mehuda kontrih, huwa sofra pubblicita` negattiva u umiljazzjoni, u dawn ikkagunaw lilu u lil martu ansjeta`, tant li effettwatilhom sahhithom, u impedewh milli jottjeni inkarigu iehor ta’ l-istess jew ta’ portata ahjar minn dak li kien qed jokkupa fiz-zmien tal-proceduri.

**33.** Jigi rilevat l-ewwel nett, li r-rikorrent ma ipproduca l-ebda prova indipendenti la tal-“popolarita`” li fir-rikors ta’ l-appell huwa jallega li jgawdi mal-poplu Malti[27], la tal-publicita` li allegatament inghataw il-proceduri kriminali fil-gazzetti u fuq il-mezzi tax-xandir, u lanqas fuq l-allegat deterjorament fis-sahha tieghu u ta’ martu. Ir-rikorrenti lanqas ipproduca xi prova li huwa fittex u ma irnexxilux jottjeni impjieg iehor ta’ l-inqas ta’ l-istess portata bhalma kellu meta nbdew il-proceduri kriminali. Fl-affidavit tieghu[28], ir-rikorrent jghid li huwa kellu opportunita` ta’ impjieg f’Dubai b’paga ta’ LM20,000 fis-sena ghal erba’ snin, pero` peress li l-Ispettur Cordina oggezzjona li huwa

[27] Ara rikors ta’ l-appell tar-rikorrent a fol. 160 tal-process.
[28] a fol. 20 tal-process

jsiefer, il-Magistrat irrifjuta t-talba tieghu li jsiefer. Dan l-allegat incident ma jirrizulta minn imkien fl-atti tal-process kriminali. L-unika talba biex isiefer li tinsab fil-process kriminali, hija kontenuta fir-rikors tieghu tas-6 ta' Ottubru 2005, fejn huwa talab lill-Qorti tal-Magistrati tirrevoka l-kondizzjoni li huwa ma setghax isiefer minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, minghajr ma ta l-ebda raguni ghaliex huwa ried isiefer[29]. Dan ir-rikors gie irtirat mir-rikorrent/imputat stess fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2005, qabel ma lahaq gie dekretat[30]. Inoltre, f'dawn il-proceduri kostituzzjonali, r-rikorrenti ma ipproduca l-ebda forma ta' prova indipendenti biex jissustanza l-allegazzjoni tieghu li huwa gie offrut impjieg f'Dubai, bhal per ezempju, il-korrispendenza relattiva.

**34.** Pero` anki jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, din il-Qorti kellha taccetta li fil-kuntest ta' proceduri kriminali, ma hux eskluz li imputat ihoss ruhu umiljat, ibati minn certa ansjeta` u jsibha difficli li jsib xoghol addattat ghalih, xorta jibqa' l-fatt li dawn huma emozzjonijiet u konsegwenzi naturali u normali li jistghu jiskattaw meta jittiehdu proceduri kriminali kontra xi persuna. Kif irriteniet il-Qorti ta' Strasbourg fil-kazijiet fuq citati, sabiex jista jinghad li kien hemm trattament inuman jew degradanti, *"the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that of legitimate treatment or punishment."* Incidentalment, fil-kaz ta' **Gusinskiy** fuq citat, l-applikant, li ttiehdu proceduri kriminali kontrih, kien involut fit-tmexxija ta' stazzjon popolari tat-televizjoni Russa. Fid-dawl ta' dak li nghad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li minn dak li jirrizulta mill-atti, dawn is-sofferenzi, reazzjonijiet u limitazzjonijiet li possibilment – ghax, kif inghad, dawn ma gewx provati – bata minnhom ir-rikorrent konsegwenza tal-proceduri kriminali, ma kienux jinvolvu xi tbatija addizzjonali jew aktar gravuza jew oppressiva minn dik li wiehed normalment jassocja mat-tehid ta' proceduri kriminali, specjalment meta dawn idumu sabiex jinghalqu. Konsegwentement dawn is-sofferenzi ma jilhqux dak il-livell minimu ta' gravita` necessarja sabiex

[29] Ara rikors tar-rikorrent/imputat a fol. 418 tal-process kriminali.
[30] Ara fol. 422 tal-process kriminali.

jista’ jinghad li r-rikorrent sofra minn trattament inuman u degradanti *ai termini* ta’ l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewopea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

**35.** Ghaldaqstant, l-aggravju tar-rikorrent ghandu jigi michud.

**<u>It-tieni aggravju ta’ l-Avukat Generali</u>**

**36.** Minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju tieghu, l-Avukat Generali ssottometta wkoll illi l-ammont likwidat bhala kumpens mill-ewwel Qorti, huwa wiehed esagerat u la jirrispekkja l-gurisprudenza lokali u lanqas dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-ewwel Qorti ordnat li l-Avukat Generali ghandu jhallas lill-appellat kumpens pekunjarju ta’ €12,000, stante li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli.

**37.** Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ma ezaminatx it-talbiet tar-rikorrent ghal danni, hlief ghall-allegazzjoni tieghu li l-fama tieghu giet milquta bil-proceduri kriminali. Kif sewwa osserva l-Avukat Generali fir-rikors ta’ l-appell tieghu[31], ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova li sofra xi tip ta’ danni materjali. Kif diga` gie osservat, l-allegazzjoni tar-rikorrent li hu kien tilef xi opportunita` ta’ impjieg f’Dubai, ma gietx sostanzjata mill-provi. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti anqas ma tara li r-rikorrent ipproduca xi prova li l-fama tieghu “giet milquta”, kif jinghad fis-sentenza appellata taht il-paragrafu D5. Kif inghad, anqas biss saret xi prova li l-proceduri kontrih gew riportati fil-gazzetti jew imxandra fuq il-mezzi tax-xandir. Naturalment mhux eskluz li persuna akkuzata b’reati kriminali, specjalment reati gravi, ma tkomplix tgawdi l-fiducja tas-socjeta` sakemm dawk il-proceduri kriminali jigu konkluzi. Pero` mill-atti ma jirrizultax li l-proceduri kriminali *de quo* tefghu fuq ir-rikorrenti xi dell iktar ikrah u oppressiv minn dak li wiehed normalment jassocja mat-tehid ta’ proceduri kriminali. Konsegwentement mill-atti

[31] A fol. 143 tal-process.

ma rrizultax l-"fama" tar-rikorrent giet milquta, b'mod li ghandhom jigi likwidati xi danni (morali) fir-rigward.

**38.** Tibqa' ghalhekk il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu kumpens ghad-danni morali mhux minhabba l-ezitu – il-liberazzjoni tieghu – izda minhabba d-dewmien tal-proceduri. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, taqbel li r-rimedju ghall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghandi jkun kumpens finanzarju, li jkunu ghalhekk jirrifletti d-danni morali minnu sofferti minhabba l-incertezza, fuq perjodu ta' numru ta' snin, dwar l-ezitu tal-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu. Ghalkemm ma jistax proprjament jinghad li ngabu provi fir-rigward, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa probabbli li tali incertezza kienet sors ta' ansjeta` kontinwa ghar-rikorrent u l-familja tieghu. Wiehed irid jiftakar illi d-dewmien ingustifikat fl-amministrazzjoni tal-gustizzja jikkostitwixxi perikolu kbir ghar-rispett ta' l-istat tad-dritt u jipperikola l-effikacja u l-kredibilita` ta' l-istess amministrazzjoni[32]. Pero` tenut kont tar-responsabbilta` in parti tar-rikorrent ghall-istess dewmien kif aktar 'l fuq spjegat, liema responsabbilta` l-ewwel Qorti anqas biss ikkunsidrata, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' danni ghandu jkun ridott ghal tlett elef  euro €3,000. Din il-Qorti waslet ghal din is-somma wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll dak li gie minnha deciz fis-sentenza tat-3 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet ***Francis Said et v. L-Avukat Generali*** (kawza civili li hadet 30 sena, li f'27 minnhom ma sar prattikament xejn, u fejn il-kumpens kien ta' €6,000) u s-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz ***Zarb v. Malta*** (fejn il-proceduri kriminali fl-ewwel istanza u fl-appell kienu kienu hadu bejniethom kwazi 12-il sena, u fejn il-kumpens moghti bhala *non-pecuniary damages* kien ta' €4,500).

## Decide

**39.** Ghall-motivi premessi – u ghalhekk mhux ghar-ragunijiet kollha moghtija fis-sentenza appellata – din il-Qorti ser tichad l-ewwel aggravju ta' l-appell ta' l-Avukat

[32] Ara **H.T. v. Germany** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fil-11 ta' Ottubru 2001.

Generali, pero` ser tilqa’ t-tieni aggravju tieghu, u ser tichad l-appell tar-rikorrent Francis Said. Konsegwentement din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat li bil-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) v. Francis Said** deciza fit-28 ta’ Marzu 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali gie lez d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli;

2. thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie dikjarat li gie lez d-dritt tar-rikorrent li ma jkunx soggettat ghal trattament inuman jew degradanti;

3. tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu cahdet it-tieni talba tar-rikorrent riferibbli ghall-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll in kwantu ddikjarat li kien hemm vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

4. thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn stabbiliet il-kumpens fis-somma ta’ €12,000 u minflok tistabilixxi l-kumpens fis-somma ta’ tliet elef ewro (€3,000), liema somma l-appellant Avukat Generali qed jigi kkundannat ihallas lir-rikorrent Francis Said, bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-ewwel sentenza (6 ta’ Mejju 2009) sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta’ din l-istanza ghandhom jithallsu hekk: dawk tal-ewwel istanza jithallsu kwantu ghal erba’ partijiet minn hamsa (4/5) mill-Avukat Generali u r-rimananti kwinta parti (1/5) mir-rikorrent Francis Said; dawk ta’ din l-istanza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------